MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 151/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Hersey)**

**Vs**
James Vella

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tad-8.55 hrs f'Marfa Road, Mellieha, naqas li javza l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) qabel ma effetwajta bidla jew adattament jew gieghel lil xi hadd jaghmel l-imsemmija bidla sabiex din il-vettura nru. DAI-128 tigi kkonvertita mill-klassi li fiha kienet registrata jew licenzjata ghal xi klassi ohra, u/jew beda jaghmel uzu mill-imsemmija vettura hekk ikkonvertita jew ippermetta lil persuna ohra taghmel**

**uzu minnha minghajr ma ta l-imsemmi avviz u dan skond l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 368 u b'dan illi giet evaza t-taxxi dovuta jew li setghet ssir dovuta skond l-Artikolu 21(b)(f).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 10(1) u 21(b)(f) tal-Kapitolu 368, l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 386, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal multa ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija w kkundannat lill-imputat ghall-multa ta' mitt lira Maltin (LM100), addizjonalment tordna wkoll il-konfiska tal-vettura DAI-128.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' li fis-sitwazzjoni li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti , b' dawk l-imputazzjonijiet u bl-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 368 , fejn, bhala konsegwenza tal-htija, l-konfiska tal-vettura in kwistjoini hija wahda mandatorja w tassattiva, hija kellha wkoll tordna l-konfiska tal-istess vettura msemmija fl-imputazzjonijiet, haga din li l-ewwel Qorti manifestament naqset li taghmel.**

**Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-appellat irrimmetta ruhu ghar-rikors tal-Avukat Generali billi l-Ligi kienet cara fuq dan il-punt pero' rrizerva li jipprezenta petizzjoni quddiem il-President tar-Repubblika ghal mahfra ta' xi kundanna eventwali tal-konfiska tal-vettura;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher li l-akkuza li tahtha nstab hati l-appellat taqa' taht l-artikolu 21 (1) (b) u (f) tal-Kap.368 u cioe' l-Att dwar it-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, li jaghmilha reat li dak li jkun ma josservax dak li hu preskritt fl-artikolu 10 (1) tal-istess ligi w cioe' li jonqos li jaghti avviz lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku qabel ma jaghmel jew ihalli lil persuna ohra taghmel xi zieda, bidla jew addattament fuq xi vettura bil-mutur li tkun giet klassifikata jew provizorjament klassifikata skond l-Att u qabel ma jaghmel uzu minnha hu nnifsu jew ihalli lil xi hadd iehor jaghmel uzu minnha, jekk id-deskrizzjoni ta' dik il-vettura tkun b' rizultat ta' dawk ix-xogholijiet jew uzu, skond kategorija differenti minn dik li tkun giet klassifikata fih.**

**Illi l-artikolu 21 (2) umbaghad jiddisponi li :-**

***"Meta wiehed jinstab hati ta' reat imsemmi fil-paragrafu (a) jew (b) tas-subpartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti*** <u>*ghandha*</u> ***, b' zieda mall-piena stabilta fis-subartikolu imsemmi,*** *TORDNA l-KONFISKA TAL-VETTURA BIL-MUTUR* ***li dwarha jkun sar ir-reat. "*** **(emfasi tal-Qorti).**

**Illi ghalhekk jidher car li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda diskrezzjoni in materja w, ladarba sabet lill-appellat hati kif intqal, kellha necessarjament tordna l-konfiska tal-vettura numru DAT-128 imsemmija fic-citazzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata, billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, zzid maghha l-ordni tal-konfiska tal-vettura numru DAT-128 favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------